# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council

**Minuti tat-52 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 23 ta' Frar 2023 fl-5:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**52.01** **Talba**

52.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**52.02** **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

52.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**52.03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 51**

52.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 51 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Dingli ippropona u l-Viċi Sindku issekonda.

**52.04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.04.01 Is-Sindku nfurmat li kienet talbet lis-CEO ta' IM ghal update dwar ix-xogħlijiet ġewwa Triq tas-Sejba kif ukoll talbet li jkun hemm *Progress M*eeting kull ġimgħa. Hija qalet li dwar il-*Progress M*eeting ma kienx hemm qbil però IM lesta li tagħti kull informazzjoni meta mitluba. Rigward ix-xogħlijiet hija qalet li ġiet infurmata li sal -ġimgħa l-oħra kienu tlestew 20 mill-50 *pilar* li ser isiru u jekk kollox jibqa' miexi kif inhu, ix-xogħlijiet għandhom jitlestew sa Mejju 2023.

52.04.02 Is-Sindku għamlet referenza għal kumment li deher fuq il-medja soċjali fejn ġie allegat illi l-kamra li ġiet mibnija fil-Ġnien tal-Mentna ma nbnietx skond l-arti u s-sengħa. Hija qalet illi ċċekjat mal-Perit u bgħatilna bil-miktub illi iva nbniet skond l-arti u s-sengħa. Hija qalet li l-filata ġiet imnaqqasa u kien hemm qbil li jsir l-kontrabejt.

52.04.03 Is-Sindku spjegat li qabel it-twaqqif tar-Reġjuni, kien hemm Kumitati Konġunti li kienu jieħdu ħsieb is-sistema tal-Gwardjani. Hija spjegat li l-Imqabba jien jagħmel

parti mill-Kumitat Konġunt taż-Żurrieq u meta dan waqaf jopera, l-flus li kien għad fadal baqgħu iffriżati l-Bank. Dan l-aħħar kien hemm talba sabiex dawn il-flus jinqasmu bejn il-membri però l-Kunsill ta' Birżebbuġa kien qed joġġezzjona għax qed jinsisti li huwa waħdu kellu jieħu aktar flus minn kemm fadal preżentement. Kien hemm qbil unanimu mar-riżoluzzjoni sabiex il-flus li fadal jinqasmu eżatt bejn il-Kunsilli membri.

52.04.04 Is-Sindku spjegat li dan l-aħħar kienet assistiet għas-smiegħ *online* dwar id-deċiżjoni tal-ERA dwar il-bini ta' dar għall-anzjani ġewwa l-Imqabba. Hija qalet li waqt din il-laqgħa reġgħet għamlet oġġezzjoni fuq il-fatt li l-area hija ODZ u punti oħrajn li bħala Kunsill diġa għamilna oġġezzjoni għalihom. L-ERA kienet approvat l-EIA u issa dan ser jgħaddi għand il-PA sabiex tittieħed id-deċiżjoni jekk dan l-iżvilupp isirx jew le. Hija qalet li konna ħadna l-parir tal-avukat tal-Kunsill fejn dan issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jattendi għas-smiegħ tal-applikazzjoni akkumpanjati mill-Perit u l-avukat tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

52.04.05 Is-Sindku spjegat li l-maltemp li kellna dan l-aħħar ikkawża xi problemi ġewwa r-raħal. Hija spjegat li l-ġibjun il-ġdid beda jfur u xi ilma daħal f'xi residenzi fi Triq Ganni Darmanin. Hija qalet ukoll li meta saret mill-ġdid Triq Alfons Caruana, din ġiet għolja b'xi metru minn kif kienet qabel bil-konsegwenza li *plot* imdawwra bil-ġebel spiċċat mimlija ilma li anke daħal għand xi ġirien. Fiċ-ċirkostanzi hija nfurmat li kienet kitbet dwar dan lill-Ministri S. Zrinzo Azzopardi u A. Farrugia però sa issa ma kelliex *feedback*. Il-Kunsillier Sciberras offra li jkellem lil wieħed mis-sidien tal-*plot* imsemmija forsi fil-futur ma jkunx hemm aktar problemi.

52.04.06 Is-Sindku spjegat li l-ġimgħa l-oħra xi ħaddiema tal-kuntrattur kienu bdew jagħmlu xi xogħol fil-Pjazza mingħajr ħadd ma kien avżat. Hija spjegat li wara li tkellmet mal-PWD, dan ix-xogħol twaqqaf peress li ma kienx ser ikun possibbli li tingħalaq il-Pjazza waqt li t-Triq tas-Sejba tkun magħluqa wkoll.

52.04.07 Is-Sindku spjegat permezz ta' ritratti li hemm bżonn li jsiru xi xogħlijiet fuq il-bankina quddiem ir-residenzi tal-Familji Falzon u Spiteri. Dan ix-xogħol ġie approvat.

52.04.08 Is-Sindku spjegat li kienet ittieħdet l-inizjattiva mill-Viċi Sindku mingħajr la kienet infurmata hi u lanqas il-Kunsill, sabiex it-tfal tal-iskola jiġbru xi ikel għall-qtates sabiex dan jingħata lill-*cat feeders* tar-raħal. Hija qalet li l-ammont ta' ikel miġbur kien ftit u li għalhekk kien ser ikun hemm problema lil min ser jingħata. Fiċ-ċirkostanzi s-Sindku issuġġeriet li nkellmu lis-Surmast sabiex idejalment l-ikel jintuża sabiex jitimgħu il-qtates li hemm fl-iskola. Ġiet diskussa l-problema ta' ħmieġ tal-qtates fi Triq San Bażilju però peress li l-*feeders* mhux reġistrati mal-Kunsill, il-Kunsill ma jistax jintervjeni.

52.04.09 Is-Sindku nfurmat li fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara, kien ser jiġi organizzat *Buffet Breakfast* fi-7 ta' Marzu.

**52.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

52.05.01 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk il-parti li preżentement qiegħda bil-konkos ħdejn il-Ħajt tal-Matla kienitx ser titranġa. Is-Sindku nfurmat li meta ser isir it-*tarmac* fit-toroq tal-viċin, din il-parti ser tinqala u tingħata bit-*tarmac* ukoll.

52.05.02 Il-Kunsillier Dingli ippropona li l-Kunsill jorganizza ħarġa għar-residenti sabiex jattendu għar-rappreżentazzjoni ta' dramm tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa l-Belt fit-3 t' April. Dan ġie approvat.

52.05.03 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk jistgħux isiru *Parking Bays* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

52.05.04 Il-Kunsillier Dingli talab *update* dwar il-ħajt tas-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li hemm bżonn li jitranġa. Is-Sindku nfurmat li dan kien ser isir mill-ħaddiema tal-PWD.

52.05.05 Ġiet diskussa korrispondenza li konna rċivejna mingħand resident dwar inċident żgħir li nqala waqt li dan l-istess kien qed jistenna biex jinħariġlu permess li sfortunatament kien hemm problema dwaru. L-iskrivana li kienet qed toħroġ il-permess talbet l-assistenza tas-Sindku li dak il-ħin inzertat daħlet fl-uffiċċju u kien hemm diskussjoni bejn is-Sindku u r-resident. Wara spjega mis-Sindku u d-DSE, il-Kunsill qabel li dan kien każ iżolat li idealment ma jerġax jiġri u li fiċ-ċirkostanzi għandu jqis dan il-każ bħala magħluq.

***Il-Kunsillier Dingli ħalla l-laqgħa fis-7.10 pm minħabba mpenji personali.***

52.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-*update* tal-*Excel Sheet* li kienet issir dwar l-ilmenti mressqa mill-Kunsillieri. Id-D.S.E. informa li għalkemm fil-prinċipju jaqbel mal-*Excel Sheet*, fiċ-ċirkostanzi preżenti mhux possibbli li din tibqa ssir peress li hija *time consuming*. Huwa qal li idealment, wara l-approvazzjoni tal-Minuti terġa tibda tiddaħħal l-*item* "Punti Mill-Minuti" sabiex filwaqt li l-Kunsillieri jingħataw *update* dwar dak li jkunu staqsew, jiġi evitat li jkun hemm numru ta' mistoqsijiet ripetuti. Huwa qal li ser jara jekk din l-*item* tistax terġa tiddaħħal.

52.05.07 Il-Kunsillier Sciberras informa li resident fi Triq Giacomo Tortella k/m *Service Road* Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kien tressaq il-Qorti għax drenaġġ mill-bini tiegħu kien qed jispiċċa għand terzi. Ġie deċiż li nkellmu lill-Perit Bonnici ta' IM dwar din l-*issue*.

51.05.08 Il-Kunsillier Decelis staqsa jekk kienx hemm iktar żviluppi dwar il-każ tar-reklami mwaħħla mal-arbli minn negozju ġewwa r-raħal. Id-DSE informa li ma kienx hemm aktar żviluppi dwar il-każ.

52.05.09 Il-Kunsillier Decelis staqsa jekk it-trinka li saret dan l-aħħar mill-kuntrattur f'isem l-Epic kienitx ser tibqa kif inhi u d-DSE informa li skont il-permess it-triq trid terġa

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**L-Imqabba Local Council**

issir kif kienet oriġinarjament jekk mhux isir *resurfacing* ta' nofs it-triq kif kienu qed jitolbu TM dan l-aħħar.

52.05.10 Il-Kunsillier Decelis informa li rigward il-problema tal-ilma tax-xita minn Triq iż-Żurrieq għal Triq Kirkop, huwa kien kellem uffiċċjali tal-PWD u kellu jiġi perit *on-site* sabiex jara x'hemm bżonn li jsir.

52.05.11 Il-Kunsillier Decelis fakkar sabiex tingħata pubblicita lit-*trolley* tal-WEEE li għandna fil-Kunsill. Id-D.S.E. wiegħed li ser jieħu ħsieb jagħmel post fuq FB.

52.05.12 Il-Kunsillier Decelis informa li l-funtana li hemm fi Ġnien Mikelang Sapiano kienet wieqfa. Is-Sindku nfurmat li l-ħaddiem tal-Kunsill kien qed jagħmel *mainteance* tagħha kull nhar ta' Sibt però issa naraw għaliex mhux qed taħdem.

52.05.13 Il-Kunsillier Decelis issuġġerixxa li jsir *parking* taħt il-Ġnien Onġi Onġella. Is-Sindku qalet illi din il-proposta kienet diġa tressqet u li biex isir hekk hemm bżonn eluf kbar ta' Ewro sabiex ikun jista' jsir dan il-*parking*.

52.05.13 Il-Viċi Sindku informa li kien irċieva lment dwar *culvert* iċekċek fi Triq in-Nazzarenu. Is-Sindku nfurmat li konna kellimna lill-Perit Vassallo ta' IM dwar dan il-każ u suppost li għandu jsir din il-ġimgħa.

**52.06 Proġetti**

52.06.01 Ġnien Onġi Onġella -- Is-Sindku nfurmat li konna għadna qed nistennew mingħand id-Dipt. tal-Artijiet.

52.06.02 Sptar il-Qadim – Is-Sindku nfurmat li min naħa tal-PA magħluq però għad hemm xi domandi li għamlu l-SCH li għad iridu jiġu mwieġba mill-Perit.

52.06.03 Ġnien tal-Mentna – Is-Sindku nfurmat li rridu nġibu l-*quotations* għal *Spring Riders*. Re kisi tal-kamra ġie deċiż li ċerti postijiet jsir bil-graffiato u f'postijiet oħra ssir qoxra tal-ġebla Maltija.

**52.07 Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

52.07.01 Korrispondenza mingħand l-Awtorita' dwar Ordni ta' Infurzar li nħarġet dwar żvilupp li kien qed isir fi Triq is-Siggiewi ġewwa l-Imqabba. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

52.07.02 Korrispondenza mingħand l-Enemalta dwar ħsara fid-*demarcation* boxes waqt il-maltemp. Id-D.S.E. informa li l-kuntrattur taghna kien talab laqgha mal-Enemalta dwar dan is-suggett.

52.07.03 Korrispondenza minghand il-BCRS fejn ġejna nfurmati li r-RVM li hemm fi Triq Ħal Kirkop tressqet sabiex ma tibqax tostakola katusi tal-ilma li tieħu għall-għelieqi. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon il-kontenut ta' din il-korrispondenza.

52.07.04 Korrispondenza Cir AKL 2023/012 mingħand l-AKL dwar *National STEM Community Fund 2023*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

52.07.05 Korrispondenza Cir AKL 2023/017 mingħand l-AKL dwar *SAFE Prevention training programmes for workplaces*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

52.07.06 Korrispondenza mingħand is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V dwar Access Limitat minn Triq il-Parrocca (direzzjoni lejn l-Imqabba). Id-DSE informa li konna diġà weġibna għal din il-korrispondenza kif maqbul bejn il-membri u ma kienx hemm *feedback*.

52.07.07 Korrispondenza mingħand resident dwar xogħlijiet li saru fuq il-bankina fi Triq il-Ħajt tal-Matla li konsegwenza tiegħu qed jidħol l-ilma fir-residenza tiegħu. Ġie deċiż li ngħaddu l-korrispondenza lil-IM.

52.07.08 Korrispondenza mingħand resident dwar l-ipparkjar fi Sqaq Nru 3, Triq il-Parroċċa. Il-Kunsill innota li fi sqaqien oħra qatt ma kien hemm ilmenti dwar l-ipparkjar ta' vetturi. Peress li din id-deċiżjoni ittieħdet anqas minn 6 xhur ilu, din il-materja ma tistax terġa tiġi diskussa mingħajr ma jkun hemm mozzjoni u għalhekk għall-Kunsill dan il-każ huwa magħluq.

52.07.09 Korrispondenza mingħand residenta dwar ċint li waqa' mill-maltemp fi Triq il-Familja Brancati. Ġie deċiż li niċċekkjaw eżatt fejn huwa s-sit u nippruvaw naraw jekk inkunux nafu min huwa s-sidien tal-għalqa.

52.07.10 Korrispondenza mingħand resident dwar sewqan b'veloċità kbira fi Triq Ħal Farruġ (il-parti li tagħmel mal-Imqabba). Ir-resident talb li jsiru 3 *Sleeping Policeman* u 4 mirja. Il-Kunsill ma approvax din it-talba.

52.07.11 Korrispondenza mingħand is-*supplier* tal-Bandla li tista' tintuża minn *wheelchair* fi Ġnien Tfal ir-Raħal. Id-DSE informa li s-*supplier* ammetta li ma kellux *go-ahead* uffiċjali min naħa tagħna sabiex isewwi però huwa kien ħass li din il-bandla ma kelliex tibqa ma tintużax. Huwa qal ukoll li wara li ssewwiet, ir-rampa kienet reġgħet bil-ħsara u bħalissa l-bandla xorta mhux qed tintuża. Wara diskussjoni ġie deċiż li nitolbu stima lis-*supplier* sabiex tissewwa r-rampa imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi kif ser imexxi.

**52.08** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

52.08.01 Id-DSE informa li ma kienx hemm *items* taħt dan il-punt.

**52.09 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2022**

52.09.01 Peress li kopja tal-*Financial Statements* kienu tqassmu lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa, dawn ġew meqjusa bħala moqrija. Wara spjega ta' xi dettalji mid-D.S.E., dawn ġew approvati unanimament.

***Il-Kunsillier Sciberras ħalla l-laqgħa fit-8.30 pm minħabba mpenji personali.***

**52.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 08/52**

52.10.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/52 ġiet approvata unanimament.

52.10.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Jannar 2023 ġiet approvata unanimament.

**52.11 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

52.11.01 Il-laqgħa ntemmet fid-8:55 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 20 ta' Marzu fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa** | **Fabian Mizzi** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |